# IL-FESTA TA' SANTA MARIJA FIL-MOSTA U L-AMMINISTRAZZJONI TAL-PARROĊĊA LEJN NOFS IS-SEKLU SBATAX (1634-1654)

*Minn Patri Alexander Bonnici OFMConv.*

Tul dawn l-aħħar snin jiena tajt il-kontribut ċkejken tiegħi għall-istorja tal-Mosta billi f'dawn il-ħarġiet ta' kull sena ktibt dwar xi aspett partikolari. Ħadt ħsieb dejjem li nwassal xi ħaġa ġdida billi nikkonsulta dokumenti li kienu għadhom qatt ma raw id-dawl. Il-kitbiet tas-snin 1992, 1993 u 1995 tefgħu ftit dawl ieħor fuq l-ewwel snin tal-parroċċa. Ftit xhur ilu jiena ġbart flimkien dawn it-tliet kitbiet, aġġornajthom, żidtilhom xi ħaġa magħhom u ffurmaw kapitlu fl-aħħar ktieb tiegħi, li għandu t-titlu **Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja**. Il-kapitlu li hu fuq il-Mosta ssejjaħ **Il-Mosta u l-Parroċċa f'Ġieħ l-Assunta: Ħajja Nisranija, Arti u Festi fi Problemi tal-Bidu**.

Din il-kitba sejra terġa' tħares lejn l-ewwel żmien tal-parroċċa, imma minn aspett ieħor. Ħajja parrokkjali wkoll dejjem ġabet magħha l-bżonn ta' amministrazzjoni tajba. Knisja parrokkjali wkoll tidħol f'ħafna spejjeż. Fl-imgħoddi, li kien żmien ta' faqar kbir, l-akbar soluzzjoni kienet fil-beni li missirijietna ħallew lill-knisja. Imma kemm-il darba kienu beni li kellhom piżijiet marbutin magħhom. Il-ġenerożità tal-poplu ma naqset qatt, lanqas fil-Mosta.



*L-Isqof Spanjol Mons. Mikiel Gwanni Balaguer li mexxa d-djoċesi bejn l-1635 u l-1663.*

Il-knisja parrokkjali, il-festa titulari u l-festi l-oħrajn kienu jeħtieġu prokuratur tajjeb. L-akbar spiża hi fil-festa titulari. Imma spejjeż ta' għamliet differenti kienu jinqalgħu tul is-sena kollha kemm hi.

Hawn ser naqbad f'idejja reġistru tal-Kurja ta' l-Arċisqof u neżamina parti dwar dak li hemm b'rabta mal-Mosta. Hu r-reġistru **Conti 48**, li jittratta dwar l-amministrazzjoni tal-knisja parrokkjali bejn is-snin 1634 u 1752. Imma ser inħares lejn l-ewwel faxxiklu biss li jissejjaħ **Procura Chiesa: 1634-1654**. Dan jiġbor fih id-dħul u l-ħruġ kollu tal-knisja parrokkjali fi żmien bikri ħafna. Il-faxxiklu qatt ma ġie nnumerat. Għalhekk kull indikazzjoni tinstab faċilment mill-ordni kronoloġiku tagħha. Hu faxxiklu ta' żmien żewġ kappillani: **Dun Salv Muscat** (1618-1647) u **Dun Karlu Schembri** (1647-1671). Schembri kien kappillan Mosti.

Il-prokuraturi kienu tlieta: qassis u żewġ lajċi. Dak li kellu l-akbar responsabbiltà kien **Mastru Dumink**

**Galea**. Il-kelma **Mastru** quddiem xi isem kienet tfisser għal xi persuna ta' xi livell ogħla jew fost il-puliti. Dan kien kif sa ftit ilu konna nsejħu lil xi persuni "Sur" jew "Sinjur", li llum jintużaw għal kulħadd. Mastru Galea kellu jgħinuh lil **Dun Ġamri Galea** u lil **Mikiel Busuttil**.

Hu rendikont ta' għoxrin sena. Jidher li huma kienu jniżżlu kollox fuq karti separati. Imma mbagħad ġabru kollox ħalli d-dħul u l-ħruġ ta' l-amministrazzjoni jiġu ppreżentati lill-Kurja ta' l-Isqof ta' Malta, li dak iż-żmien kien Mons. Mikiel Ġwanni Balaguer. Hu rendikont ta' bejn l-10 ta' Settembru, 1634 u t-23 ta' Awissu, 1654.

## Minn fejn kien jiġi d-Dħul

Dwar id-dħul il-faxxiklu ma jagħtiniex dettalji. Imma nieħdu idea tajba dwar minn fejn kien jiġi. Xi renti kienu fissi minn sena għall-oħra. Oħrajn kienu jvarjaw.

Xi persuni li kellhom rabtiet speċjali mal-parroċċa kienu jinkluduha fost il-werrieta. Għalhekk kienet tintiret xi somma minn **testment**. Din, naturalment, kienet tkun ta' darba biss, meta ma kenitx xi legat.

X'uħud kienu jħallu **legat**. Kif tfisser il-kelma stess, dak li jitħalla kien iġib miegħu rabta. Kienu jħallu somma ta' flus b'kundizzjoni li jsir numru ta' quddies kull sena għal ruħhom. Ġieli kienu jinħassu bħala benefiċċju għall-parroċċa għax il-poplu Nisrani ma kienx jagħti tant elemożna għall-quddies bħal fi żmienna. Imma ġieli legat inħass bħala piż għax kienu jħallu xi ħaġa u jesiġu ħafna jew għax il-parroċċa ma jkollhiex il-possibbiltà li toqgħod għal dawk l-obbligi. Għalhekk f'xi każijiet il-legat ma kienx jiġi aċċettat u ngħata lil ħaddieħor. Kważi dejjem, legat ta' l-imgħoddi sar bħal piż minħabba l-iżvalutar tal-munita. Kien żmien meta l-elemożna tal-quddies kienet ta' xi żewġ irbajja'.

Id-dħul kien jiġi wkoll minn xi artijiet jew bini li jitħallew lill-parroċċa. Ftit fil-Mosta kienu impjegati bi qligħ fiss. Ħafna kienu jgħixu minn dak li jkabbru huma stess u mill-annimali u t-tjur tagħhom. Dawn ġieli kien ikollhom xi artijiet tal-Knisja. Kienu jaħdmuhom u l-qligħ jinqasam bejn is-sid u l-ħaddiema.

Kemm dak li jitħalla fit-testmenti kif ukoll il-legati kienu jeħtieġu amministrazzjoni tajba min-naħa tal-prokuraturi. L-onestà weħidha ma kenitx biżżejjed. Kienet meħtieġa l-ħila tagħhom u l-għajnuna ta' persuni esperti.

Mad-dħul insibu l-espressjoni **Gabella delli Giardini di detta Chiesa**. Din kienet iġġib magħha li huma kienu jqabblu l-artijiet tal-knisja lil xi bdiewa ħalli dawn jaħdmuhom. Skond ftehim li jsir b'kuntratt huma kienu jagħtu l-offerta tagħhom ta' kull sena lill-knisja.

F'dak iż-żmien ta' faqar ma kienx isir ġbir fil-knejjes, bħalma jsir illum. Għalhekk naqraw li fil-knisja parrokkjali kien hemm **Cassa d'Elemosina**. F'dik il-kaxxa ta' l-elemożna kull min xtaq kien jitfa' dak li jrid matul is-sena. Il-prokuraturi kien ikollhom il-muftieħ tal-kaxxa u kollox kien jintuża



*It-tieni kappillan tal-Mosta, Dun Salv. Muscat minn Ħal Lija, magħmul mill-Isqof Cagliares fis-27 ta' Marzu, 1618. Miet fid-9 ta' Ġunju, 1647.*

għall-bżonnijiet tal-parroċċa.

## Offerti għall-Festa ta' Santa Marija

Dwar il-festa ta' Santa Marija lanqas biss ma nistgħu noħolmu li nagħmlu xi paragun ma' żmienna. Madankollu l-festa, għalkemm ċkejkna, kienet iġġib magħha l-ispejjeż. Fl-ebda festa oħra ma kien ikun hemm spiża tant kbira.

Għalhekk kien isir appell għall-ispejjeż ta' din il-festa. Għal din ir-raġuni, fost id-dħul li kellha l-knisja, insibu **Offerte per l'Assunta**.

F'dak iż-żmien il-popolazzjoni kienet ta' madwar 1,200 ruħ. Kienet eżattament ta' 1,214-il ruħ fl-1 ta' Mejju, 1645, kif naqraw f'relazzjoni li Balaguer, l-Isqof ta' Malta bagħat lis-Santa Sede (ASV, **S.S. Malta**, 186, f.405r). Il-ġbir kollu tul għoxrin sena kien ta' 654 skud u 14-il ħabba. Ma kienx wisq lanqas għal dak iż-żmien. Dan iġib miegħu li l-prokuraturi ma kienx ikollhom f'idejhom ħlief qrib 33 skud fis-sena.

## L-Assunta tat-Tieni u t-Tielet Kappillan

Il-festa ta' l-Assunta jew Santa Marija tax-xahar ta' Awissu, jew sempliċement Santa Marija, minn dejjem kienet l-ewlenija għall-Mosta. Nieħdu l-impressjoni li sa l-aħħar żmien tat-tieni kappillan, li kien **Dun Salv Muscat**, il-festa baqgħet dejjem waħda ċkejkna. Kienet liturġika biss b'quddiesa xi ftit iżjed sollenni u bil-kant taż-żewġ għosrien. Ġieli ma tissemma' l-ebda spiża għall-festa. Dan juri li dawk kollha li offrew is-servizzi tagħhom irrinunzjaw għal kull rikompens. Imma ġieli tissemma' spiża ta' żewġ skudi, bħal fis-sena 1635, u ġieli telgħet għal ħames skudi, bħal fis-sena 1637.



*Il-kappillan Mosti Dun Karl Schembri. Mexxa l-parroċċa mill-25 ta' Ġunju, 1647 sas-sena 1671 u minn Lulju 1675 sa l-1678.*

Imbagħad fl-1647 il-Mosta kellha kappillan li kien minn hemm stess. Dan kien **Dun Karlu Schembri**. Malajr mis-sena 1648 ittieħdet id-deċiżjoni li l-festa titulari tkun b'sollennità akbar. Għad m'għandniex ħjiel ta' x'kien isir għall-festa esterna. Il-prokuraturi kienu responsabbli minn dak li jsir fil-knisja biss. Għal barra kien hemm amministrazzjoni oħra, li s'issa ma nafux jekk ħallietx xi rendikont.

Bdew jinxtegħlu ħafna **xemgħat** biex iżejnu u jdawlu l-knisja parrokkjali. Inġiebu xi **mużiċisti** għad-daqq ta' strumenti u għall-kant. Beda jintgħażel predikatur magħruf ħalli jinseġ **paniġierku** li bis-saħħa tiegħu n-nies jinġibdu iżjed lejn il-knisja.

F'dak iż-żmien il-mezzi ta' trasport pubbliku ma kenux jeżistu. Għalhekk parti mill-ispiża tal-festa kienet għall-mezzi li kienu jipprovdu ħalli jwasslu fil-Mosta lil dawk li jissejħu mill-bogħod. Kienu jaħsbulhom għal xi **kaless** miġbud minn xi żiemel. B'kaless wieħed, sakemm kien possibbli, kienu jwasslu iżjed minn persuna waħda. Kien hemm spejjeż żgħar oħrajn li r-rendikont tal-prokuraturi jsemmihom mingħajr ma jagħtina dettalji. B'xebh ma' postijiet oħrajn, jista' jingħad li dawn kienu f'ikel, inbid, kafè għal min jgħin u għal xi postijiet ta' rqad meta xi ħadd kien ikollu bżonn jgħaddi l-lejl il-Mosta bejn lejlet u



*(Ritratt: Al. Briffa)*
*L-**Altar Maġġur** tal-Knisja l-Qadima u l-**Kwadru ta' l-Assunta**, żewġ teżori mill-knisja ta' Tumas Dingli u li llum jinsabu fil-Kor tar-Rotunda.*

nhar il-festa ta' Santa Marija.

L-ispejjeż telgħu għal erba' jew ħames darbiet iżjed. L-akbar spiża kienet fl-1649 meta ntefqu għoxrin skud. Fi snin oħrajn bdiet tkun bejn tnax u tmintax-il skud.

## Il-Ħidma li ma qatgħetx

Tul iż-żmien taż-żewġ kappillani li ssemmew ix-xogħol fil-knisja u f'dak li kien tagħha ma qatax. Jissemma aktar minn darba l-altar maġġur ta' l-Assunta. Bejn l-1644 u l-1647 lill-altar sarlu gwarniċ skulturat li ġie mbagħad indurat. Fl-1648 intefqu tliet skudi biex tkompla x-xogħol li kien jonqos fit-tabernaklu.

Fi żmien meta l-festa kienet iżjed ċkejkna, ħasbu biex irranġaw wieħed mill-kampnari tal-knisja. Irranġaw kulma kien meħtieġ, bħall-ħadid u l-ħbula, biex waħda mill-qniepen iddoqq tajjeb bla ma jinħoloq periklu. Qniepen kien hemm iżjed minn waħda għax tissemma wkoll il-qanpiena l-kbira. Il-bżonnijiet fil-knisja ma kienu jonqsu qatt. Fl-1644 irranġaw il-pulptu. Fl-1646 issewwa wkoll il-bejt tal-knisja. Naturalment dan hu kollu marbut mal-knisja artistika li kienet saret b'disinn ta' l-arkitett Tumas Dingli. Fost bżonnijiet oħrajn li jissemmew insibu salib ġdid, purifikaturi, alba, spellizza, impulluzzi, lavadita, u bżonnijiet oħrajn għas-saċerdoti li kienu jqaddsu fil-parroċċa. F'dak iż-żmien il-paramenti u l-bżonnijiet l-oħrajn tal-knisja ma kenux jittieħdu minn knisja għal oħra. Kien hemm il-projbizzjoni min-naħa ta' l-Isqof.



*Il-knisja parrokkjali tal-Mosta ta' l-arkitett Tumas Dingli. Tlestiet fis-sena 1619 u nħattet għal kollox fl-1860, meta tlestiet ir-Rotunda tallum.*

## Il-Kanonika: Id-Dar tal-Kappillan

Il-Kappillan Schembri sab fl-1647 li l-Kanonika ma kenitx fi stat tajjeb. Minbarra li ma kenitx qed taqdih bħala dar biex jgħix fiha, kellha bżonn ta' tiswijiet u li xi affarijiet jinbidlu. Insibu reġistrati xi spejjeż biex jissewwa l-bieb tad-dar u oħrajn għar-rota u l-katina li ddur magħha biex jittella' l-ilma mill-bir. Imma d-dar innifisha kellha bżonn tinbidel. Għalhekk fl-1653 inbniet kanonika ġdida għall-Kappillan Schembri u għal dawk li kellhom jiġu warajh. Żgur li kienet waħda ċkejkna. Il-ħaddiema li tellgħuha ngħataw seba' skudi għax-xogħol tagħhom.

## Festi Oħrajn u Kura tal-Beni

Festi oħrajn li jġibu l-ispejjeż u li jaqgħu taħt il-prokuraturi ma kienx hemm ħlief tnejn. Jissemma l-**Milied**. L-ispejjeż kienu fix-xemgħat li kienu jixegħlu, f'żejt għal-lampieri, fi kwantità akbar fil-konsum ta' l-ostji, u anki fl-armar ta' presepju.

L-infiq fix-xemgħat għal nhar il-**Gandlora** fit-2 ta' Frar jinħassu kbar għal dak iż-żmien. Ġieli qabżu l-ħames skudi. Għalhekk ġieli kienu daqs l-ispiża totali tal-festa ta' Santa Marija. Hu evidenti li kienet tingħata xemgħa lil dawk kollha li kienu jmorru għall-funzjoni fil-knisja.

Xi **artijiet** imqabblin lill-bdiewa kienu jibqgħu tal-parroċċa. Kien hemm is-sistema tal-mezzadrija. Tissemma fost l-oħrajn il-klawsura msejħa **Ta' l-Awrora**. Il-prokuraturi nefqu skud biex jixtru x-xgħir ħalli jiġi miżrugħ fl-għelieqi li kienu tal-knisja. Dik l-istess klawsura **Ta' l-Awrora** kienet fi stat ħażin. Għalhekk ġie mqabbad ħaddiem biex jagħmel jumejn xogħol fiha. Tħallas nofs skud kuljum.

Spejjeż oħrajn rarament inqalgħu. Imma kien hemm dawk li ma kenux tas-soltu. Meta kien hemm xi **viżta pastorali**, il-parroċċa kienet titgħabba bl-ispejjeż li jsiru mill-Isqof. Fost l-oħrajn, meta fl-10 ta' Ottubru, 1636, l-Isqof Balaguer mar għall-viżta pastorali fil-Mosta, il-parroċċa ħarġet minn tagħha disa' rbajja' għal dik il-viżta.

## Il-Bilanċ

Tul għoxrin sena l-prokuraturi ħallsu 668 skud, 7 irbajja' u 15-il ħabba. Imma kienu daħħlu 654 skud u 4 ħabbiet. Għalhekk il-bilanċ kien wieħed passiv. Kien hemm passiv ta' 14-il skud, 7 irbajja' u 11-il ħabba. Dan ifisser li huma marru minn taħt ftit inqas minn skud kull sena. Kull meta kienet issir viżta pastorali dawk il-prokuraturi kienu jressqu rendikont ta' kollox quddiem l-Isqof. Biex ikomplu fil-ħidma tagħhom, kien meħtieġ li huma jiġu kkonfermati mill-Isqof stess.

Dan hu xaqq dawl ieħor mill-istorja tal-Mosta ta' madwar tliet mija u ħamsin sena ilu.